

Brussell, 23 ta' Ġunju 2026
(OR. en)

9843/26

LIMITE

CORLX 539
CFSP/PESC 798
COTER 80
CONOP 30
CONUN 97
COARM 102

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-appoġġ tal-Unjoni għall-universalizzazzjoni u l-implimentazzjoni effettiva tal-Konvenzjoni Internazzjonali għat-Trażżin ta' Atti ta' Terroriżmu Nukleari

Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2026/...

ta' ...

**dwar l-appoġġ tal-Unjoni għall-universalizzazzjoni
u l-implimentazzjoni effettiva tal-Konvenzjoni Internazzjonali
għat-Trażżin ta' Atti ta' Terroriżmu Nukleari**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 28(1) u 31(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fit-12 ta' Diċembru 2003, il-Kunsill Ewropew adotta l-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni tal-Armi ta' Qerda Massiva (l-“Istrateġija”), li tiddikjara li n-nonproliferazzjoni, id-diżarm u l-kontroll tal-armi jistgħu jagħtu kontribut essenzjali fil-ġlieda dinjija kontra t-terroriżmu billi jnaqqsu r-riskju li atturi mhux Statali jiksibu aċċess għal armi ta' qerda massiva u materjali radjuattivi u l-mezzi tat-twassil tagħhom. Il-Kapitolu III tal-Istrateġija fih lista ta' miżuri li jeħtieġ li jittieħdu, kemm fi ħdan l-Unjoni kif ukoll f'pajjiżi terzi, biex tiġi miġġielda tali proliferazzjoni.
- (2) L-Unjoni qed timplimenta b'mod attiv l-Istrateġija u qed tagħti effett lill-miżuri elenkati fil-Kapitolu III tagħha, b'mod partikolari bil-ħidma favur l-universalizzazzjoni u, fejn meħtieġ, bit-tisħiħ tat-trattati, ftehimiet u arranġamenti ta' verifika ewlenin dwar id-diżarm u n-nonproliferazzjoni, kif ukoll bir-rilaxx ta' riżorsi finanzjarji biex jiġu appoġġati proġetti speċifiċi mmexxija minn istituzzjonijiet multilaterali bħall-Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti (NU) kontra d-Droga u l-Kriminalità (UNODC) u l-Uffiċċju tan-NU għall-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu (UNOCT).
- (3) Fit-13 ta' April 2005, l-Assemblea Ġenerali tan-NU adottat il-Konvenzjoni Internazzjonali għat-Trażżin ta' Atti ta' Terroriżmu Nukleari, li nfetħet għall-iffirmar fl-14 ta' Settembru 2005.
- (4) Fl-Aġenda tiegħu għad-Diżarm intitolata "Securing our Common Future (Niżguraw il-Futur Komuni Tagħna)", li tnediet fl-24 ta' Mejju 2018, is-Segretarju Ġenerali tan-NU nnota li r-riskji nukleari kienu inaċċettabbli u li kienu qegħdin jikbru.

- (5) Fl-10 ta' Diċembru 2018, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2018/1939¹.
- (6) Fis-7 ta' Ġunju 2021, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2021/919², li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2018/1939 u li testendi l-implimentazzjoni tagħha sat-30 ta' Novembru 2022 minħabba sfidi kontinwi li rriżultaw mill-pandemija tal-COVID-19.
- (7) Fit-8 ta' Novembru 2022, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2022/2185³, li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2018/1939 u li tkompli testendi l-implimentazzjoni tagħha sat-30 ta' Ġunju 2023 fid-dawl tad-dewmien kontinwu fl-implimentazzjoni tal-attivitajiet tal-proġetti skont id-Deċiżjoni (PESK) 2018/1939 minħabba l-impatt tal-pandemija tal-COVID-19.

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/1939 tal-10 ta' Diċembru 2018 dwar l-appoġġ tal-Unjoni għall-universalizzazzjoni u l-implimentazzjoni effettiva tal-Konvenzjoni Internazzjonali għat-Trażżin ta' Atti ta' Terroriżmu Nukleari (ĠU L 314, 11.12.2018, p. 41, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2018/1939/oj>).

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/919 tas-7 ta' Ġunju 2021 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2018/1939 dwar l-appoġġ tal-Unjoni għall-universalizzazzjoni u l-implimentazzjoni effettiva tal-Konvenzjoni Internazzjonali għat-Trażżin ta' Atti ta' Terroriżmu Nukleari (ĠU L 201, 8.6.2021, p. 27, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2021/919/oj>).

³ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/2185 tat-8 ta' Novembru 2022 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2018/1939 dwar l-appoġġ tal-Unjoni għall-universalizzazzjoni u l-implimentazzjoni effettiva tal-Konvenzjoni Internazzjonali għat-Trażżin ta' Atti ta' Terroriżmu Nukleari (ĠU L 288, 9.11.2022, p. 80, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2022/2185/oj>).

- (8) Il-Boxxla Strateġika għall-2022 għas-Sigurtà u d-Difiża tirreferi għat-theddida persistenti tal-proliferazzjoni tal-armi ta' qerda massiva u l-mezzi ta' kunsinna tagħhom, u tesprimi l-oġettiv tal-Unjoni li ssaħħaħ azzjonijiet konkreti b'appoġġ għall-għanijiet tad-diżarm, tan-nonproliferazzjoni u tal-kontroll tal-armi. Isemmi wkoll it-theddida transnazzjonali tat-terroriżmu bħala sfida kontinwa u r-rieda tal-Unjoni li ssaħħaħ ir-rispons tagħha għall-prevenzjoni u l-għlieda aħjar kontra t-terroriżmu.
- (9) Fid-19 ta' Ġunju 2023, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2023/1187⁴.
- (10) Id-Deċiżjoni (PESK) 2023/1187 għandha tiskadi fit-30 ta' Ġunju 2026. Għalhekk, jenħtieġ li l-Kunsill jadotta din id-Deċiżjoni sabiex ikompli jimplimenta l-Istrateġija, l-Istrateġija Globali tal-UE għall-Politika Estra u ta' Sigurtà tal-Unjoni Ewropea u l-Boxxla Strateġika għas-Sigurtà u d-Difiża.
- (11) Jenħtieġ li l-implimentazzjoni teknika ta' din id-Deċiżjoni tiġi fdata lill-UNODC u ċ-Ċentru tan-NU kontra t-Terroriżmu tal-UNOCT.

⁴ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/1187 tad-19 ta' Ġunju 2023 dwar l-appoġġ tal-Unjoni għall-universalizzazzjoni u l-implimentazzjoni effettiva tal-Konvenzjoni Internazzjonali għat-Trażżin ta' Atti ta' Terroriżmu Nukleari (ĠU L 157, 20.6.2023, p. 35, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2023/1187/oj>).

- (12) Jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tiġi implimentata f'konformità mal-Ftehim Qafas Finanzjarju u Amministrattiv, konkluż mill-Kummissjoni Ewropea man-NU dwar il-ġestjoni tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-Unjoni għall-programmi jew proġetti amministrati min-NU,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Bil-ksieb li tiġi implimentata l-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni tal-Armi ta' Qerda Massiva, l-Istrateġija Globali tal-UE għall-Politika Estera u ta' Sigurtà tal-Unjoni Ewropea u l-Boxxla Strateġika għas-Sigurtà u d-Difiża, l-Unjoni għandha tkompli tappoġġa l-universalizzazzjoni u l-implimentazzjoni effettiva tal-Konvenzjoni Internazzjonali għat-Trażżin ta' Atti ta' Terroriżmu Nukleari (ICSANT) permezz ta' azzjoni operazzjonali (l-“azzjoni”).
2. L-oġettivi tal-azzjoni għandhom ikunu li:
 - (a) jiżdied l-għadd ta' Stati li jibdew proċessi biex isiru parti għall-ICSANT u tiżdied is-sensibilizzazzjoni u l-għarfien dwar l-ICSANT fost il-benefiċjarji, bħal pereżempju dawk li jfasslu l-politika nazzjonali u dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet nazzjonali, u fil-fora internazzjonali;
 - (b) jittejbu l-leġiżlazzjoni nazzjonali u l-kapaċità tal-uffiċjali tal-ġustizzja kriminali u partijiet ikkonċernati nazzjonali rilevanti oħra fil-pajjiżi benefiċjarji biex jinvestigaw, iħarrku u jiddeċiedu każijiet li fihom l-ICSANT tkun ta' rilevanza;
 - (c) jittejbu l-politiki, il-prattiki u l-proċeduri għall-prevenzjoni u d-detezzjoni tat-theddida li atturi mhux statali, inkluż terroristi, jakkwistaw, jippossjedu jew jużaw materjal nukleari jew materjal radjuattiv ieħor u għar-rispons għal din it-theddida;

- (d) jittejbu l-għarfien u l-fehim tat-theddida tat-terroriżmu radjoloġiku u nukleari u ta' mġiba kriminali oħra li tinvolvi materjal nukleari jew materjal radjuattiv ieħor;
- (e) tissaħħaħ il-kooperazzjoni nazzjonali u internazzjonali, inkluż l-iskambju ta' informazzjoni, fi ħdan u fost l-Istati Partijiet, fit-tfassil u l-adozzjoni ta' miżuri effettivi u prattiċi għall-implimentazzjoni effettiva tal-ICSANT.

3. Deskrizzjoni dettaljata tinsab fl-Anness.

Artikolu 2

1. Ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (ir-"Rappreżentant Għoli") għandu jkun responsabbli għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.
2. L-implimentazzjoni teknika tal-azzjoni għandha titwettaq mill-Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti (NU) kontra d-Droga u l-Kriminalità (UNODC) u l-Uffiċċju tan-NU għall-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu (UNOCT).
3. Il-UNODC u l-UNOCT għandhom iwettqu l-kompitu msemmi fil-paragrafu 2 taħt ir-responsabbiltà tar-Rappreżentant Għoli. Għal dak il-għan, ir-Rappreżentant Għoli għandu jidħol fl-arranġamenti meħtieġa mal-UNODC u l-UNOCT.

Artikolu 3

1. L-ammont ta' referenza finanzjarja għall-implimentazzjoni tal-azzjoni għandu jkun ta' EUR 2 000 000,02 (in-“nefqa”).
2. In-nefqa għandha tkun ġestita f'konformità mar-regoli u l-proċeduri applikabbli għall-baġit tal-Unjoni.
3. Il-Kummissjoni għandha tissorvelja l-ġestjoni korretta tan-nefqa. Għal dak il-fini, hija għandha tikkonkludi ftehimiet ta' kontribuzzjoni mal-UNODC u l-UNOCT. Il-ftehimiet ta' kontribuzzjoni għandhom jistipulaw li l-UNODC u l-UNOCT għandhom jiżguraw il-viżibbiltà tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni, b'mod adatt għad-daqs tagħha.
4. Il-Kummissjoni għandha tagħmel hilita biex tikkonkludi l-ftehimiet imsemmijin fil-paragrafu 3 malajr kemm jista' jkun wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni. Hija għandha tinforma lill-Kunsill bi kwalunkwe diffikultà f'dak il-proċess u bid-data tal-konklużjoni ta' dawk il-ftehimiet.

Artikolu 4

1. Ir-Rappreżentant Għoli għandu jirrapporta lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni abbażi ta' rapporti regolari mill-UNODC u l-UNOCT. Dawk ir-rapporti għandhom jiformaw il-bażi tal-evalwazzjoni mwettqa mill-Kunsill.
2. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi informazzjoni dwar l-aspetti finanzjarji tal-implimentazzjoni tal-azzjoni.

Artikolu 5

1. Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.
2. Din id-Deċiżjoni għandha tiskadi 36 xahar wara d-data tal-konklużjoni tal-ftehimiet imsemmija fl-Artikolu 3(3). Madankollu, għandha tiskadi sitt xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ tagħha jekk ma jkun ġie konkluż ebda ftehim f'dak il-perjodu.

Magħmul fi...,...

Għall-Kunsill

Il-President
